# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Tnejn, 27 ta' Gunju, 2022

**Kawża Nru. 5**

**Rik. Nru. 83/2020 ISB**

**(1) Louis Farrugia**
**(2) Daniel Farrugia f'ismu proprju u f'isem Eve Farrugia**

**vs**

**Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **Louis u Daniel Farrugia**, pprezentat fl-24 ta' Dicembru 2020, li permezz tieghu huma jsostni hekk:-

*Illi l-esponenti huma benefiċċjarji aħħarija tal-kumpannija DIS Equipment Rental Limited C45248 u kienu ukoll diretturi tal-istess sal-mument li din baqgħet attiva.*

*Illi DIS Equipment Rental Limited C45248 naqset milli tottempra ruħha mad-dispożizzjonijiet u r-rekwiżti mandatorji tal-Liġi rigward il-kumpanniji u prattiċi oħra u per konsegwenza ġiet imneħħija minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji fit-23 ta' Ġunju 2020.*

*Illi l-esponenti saru jafu b'dan riċentament u ħassew ruħhom aggravati bil-fatt li l-isem tas-soċjetà DIS Equipment Rental Limited C45248 tħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji.*

*Illi huma għandhom interess li l-isem tal-imsemmija soċjetà jerġa' jidħol fir-Reġistru tal-Kumpanniji sabiex l-istess kumpannija bl-assi tagħha tkun tista' tkompli topera.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni tordna r-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex ai termini tal-Artikolu 325 (4) tal-Att Dwar il-Kumpanniji:*

*i. Jerġa' jdaħħal l-isem tas-soċjetà DIS Equipment Rental Limited C45248; u*

*ii. Tordna lill-istess Reġistratur jagħmel il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa ai termini tal-Liġi relattivament tal-inserzjoni fir-Reġistru tal-Kumpannija u dana kollu taħt dawk il-provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat **id-digriet** taghha kif diversament preseduta tal-4 ta' Jannar 2021 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-1 ta' Marzu 2021fid-9:00am, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Registratur tal-Kumpanniji.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fit-8 ta' Gunju 2021 (ara tergo ta` fol 5).

Rat illi fil-25 ta' Jannar 2021, ir-Registratur tal-Kumpanniji intimat ppresenta **ir-risposta** tieghu (fol 9) bid-dokumenti hemmek annessi, li permezz taghha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija DIS Equipment Rental Ltd (C 45248) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fit-2 t'Ottubru 2008;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk, illi l-aħħar kont annwali reġistrat mar-Reġistratur tal-Kumpaniji kien dak tas-sena 2011 u l-aħħar prospett annwali kien tas-sena 2012;*

*Illi in piu', l-kumpanija naqset ukoll mill-obbligi tagħha mposti mill-Avviż Legali 247 tal-2020 u għaldaqstant, baqgħet qatt ma daħlet l-*

*informazzjoni meħtieġa mar-Reġistratur tal-kumpaniji dwar is-sidien benefiċċjarji;*

*Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur jissoponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċeda sabiex kiteb lill-kumpanija u lill-uffiċjal tagħha sabiex javża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistratur kemm il-darba ma tintweriex raġuni dan ma jseħħx;*

*Illi r-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok. 'A', l-ittra u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha KW 38, Corradino Industrial Estate, Paola, kif ukoll lid-diretturi tagħha, fl-indirizz 'Huddersfield', Triq Kananea, Attard, Malta u 25, Castro Street Naxxar, datati d-29 ta' Jannar 2020;*

*Illi t-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra kemm lill-kumpanija kif ukoll lid-diretturi fuq l-istess indirizz fit-23 ta' Marzu 2020;*

*Illi f'dawn l-ittri l-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija.*

*Illi fit-23 ta' Marzu 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp, ir-Reġistratur qatt ma rċieva l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fit-23 ta' Ġunju 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni lien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi għalkemm ir-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi, ir-Reġistratur jixtieq jiġi mogħti raġuni valida dwar it-talba mogħtija mir-rikorrenti li tali kumpanija għandha terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji. Tajjeb wieħed jinnota illi l-azzjonista illi għandha l-maġġoranza tal-ishma, DIS Holding Ltd (C 45247), ġiet ukoll mħassra bil-proċedura tad-defunct u għaldaqstant jekk din il-*

*kumpanija ma terġax titpoġġa fuq ir-Reġistru wkoll, DIS Equipment Rental Ltd (C 45248) xorta ma tistax topera.*

*Illi jidher biċ-ċar illi r-rikorrenti qatt ma kellhom interess li jimxu b'konformita' mal-liġi dwar il-kumpaniji u nfatti naqsu milli jirreġistraw dokumenti mandatorji mar-Reġistratur għal numru twal ta' snin minkejja diversi notifiki li kienu jintbagħtu lilhom.*

*Illi r-rikorrenti injoraw ukoll il-multi illi jfakkruhom f'tali muqqas u qatt ma affettwaw il-pagamenti tal-multi. Illi l-penali dovuti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali, kontijiet annwali kif ukoll informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji jammontaw għal EUR 8,656.50.*

*Illi di piu', il-pagament dovut fuq reġistrazzjonijiet ta' prospetti annwali li baqgħu pendenti jammontaw għal EUR 800.*

*Illi a tal-propositu li l-unika raġuni wara tali talba tar-rikorrenti hija l-fatt li l-assi għan-nom tal-kumpanija ser jintilfu u jiġu trasferiti f'isem il-Gvern ta' Malta.*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur jixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż informazzjoni benefiċċjarji, il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tat-terzi persuni, ir-Reġistratur qiegħed umilment jissolleva illi qiegħed iħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tiegħu sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rettifikata.*

*Illi għaldaqstant huwa lest li joqgħod għal kull direzzjoni u provedimenti illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkustanzi partikulari ta' dan il-każ.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat illi fl-udjenza tal-1 ta' Marzu 2021, deher l-Avukat Sara Pirotta Chircop Becjk ghar-rikorrenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech ghar-Registratur tal-Kumpanniji.

Rat illi f'dik l-udjenza r-rikorrenti iddikjaraw illi kien hemm disponibilita' shiha sabiex huma jirregolarizzaw il-pendenzi tal-kumpannija u d-dikjarazzjoni tar-Registratur intimat illi jekk il-pendenzi jkunu rizolti, allura ma kienx ser ikun hemm oppozizzjoni ghat-talba tar-rikorrenti.

Rat illi fuq trapass ta' numru ta' seduti illi l-Qorti akkordat, ir-rikorrenti zammew il-promessa taghhom u finalment irregolarizzaw il-pendenzi kollha tal-kumpannija de quo, tant illi fl-udjenza tal-20 ta' Gunju 2022, il-Qorti giet infurmata mid-difensuri tal-partijiet illi l-pendenzi kollha kienu gew rizolti.

Rat illi, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawza thalliet ghall-llum ghall-provvediment.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386** tal-Ligijiet ta' Malta, u li permezz taghha, ir-rikorrent jghid illi fit-23 ta' Gunju 2020, ir-Registratur intimat nehha u hassar minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji isem il-kumpannija kummercjali **DIS Equipment Rental Limited (C-45248)**.

Illi r-rikorrenti kienu diretturi tal-imsemmija kumpannija imma ukoll beneficcjarji ahharija taghha u ghalhekk kellhom kull interess illi l-kumpannija terga' titpogga fuq ir-Registru sabiex hi tkompli topera.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimat Registratur jghid illi l-kumpannija msemmija kienet naqqset mill-obbligi taghha mar-Registratur, tant illi l-ahhar prospett annwali sottomess kien dak tas-sena 2012 u l-ahhar kont annwali ipprezentat kien ghas-sena 2011 u lanqas ma baghtet informazzjoni dwar is-sidien beneficjarji. Jghid illi ghalhekk kellu kull raguni valida fil-ligi biex jikkancella l-kumpannija u ghaddha mill-proceduri kollha li trid il-ligi biex sar dan.

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-*

> *konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiziti li hemm bzonn biex kumpannija kummercjali li tnehhiet minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji terga' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena citat.

Mhemmx dubbju illi ghadhom ma ghaddewx il-hames snin minn meta il-kumpannija **DIS Equipment Rental Limited (C-45248)** giet ikkancellata minn fuq ir-Registru.

Ma jirrizultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li rrizultaw.

Il-Qorti pero`, kif taghmel dejjem f'cirkostanzi bhal dawn u qabel ma tghaddi ghall-provvediment, tqis id-disponibilita' tar-rikorrenti illi jirregolarizzaw l-affarijiet tal-kumpannija mar-Registratur. F'dan il-kaz, ir-rikorrenti zammew kelmtom u ai termini tal-promessa maghmula fl-ewwel seduta mill-istess rikorrenti, il-Qorti giet mgharrfa illi l-pendenzi kollha kienu gew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet ghalhekk, il-Qorti giet mistiedna tghaddi ghall-provvediment.

**GHALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ccitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun giust u ekwu illi:

1. **Fl-ewwel lok**, tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 356 tal-Ligijiet ta' Malta, fi zmien hmistax il-jum, jerga' jdahhal l-isem ta' **DIS Equipment Rental Limited (C-45248)**fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-Registru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Registratur tas-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattiva ghal tali inserzjoni mill-gdid tal-kumpannija msemmija fir-Registru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **DIS Equipment Rental Limited (C-45248)** jitpogga lura fuq tali Registru tal-Kumpanniji.

4. **Fil-raba' lok**, tordna illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Registratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **DIS Equipment Rental Limited (C-45248)** fuq ir-Registru tal-kumpanniji jkunu a karigu tar-rikorrenti flimkien u in solidum bejniethom.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**